# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**ILLUM, 15 T'OTTUBRU 2019.**

**Rikors Nru. 906/2005GM**

**Elizabeth Said**

**Vs**

**Bank of Valletta plc, Valletta Fund Management Limited, illum BOV Asset Management Limited, ic-Chairman tal-Borza ta' Malta, u HSBC Bank Malta plc u b'digriet tad-29 ta' Jannar 2015, ġew imsejjħa fil-kawza Michael Said u Margaret Galea u Claudio Said assuma l-atti bħala kuratur tal-wirt battal ta' Raymond Said permezz tar-Risposta Ġuramentata tiegħu tas-16 ta' Marzu 2015**

**Il-Qorti,**

Rat iċ-**Ċitazzjoni** tad-29 ta' Settembru 2005 tal-**attriċi** li fih abbażi tal-premessi li:-

(1) Omm l-attriċi, Mary Said, li kellha karta ta' l-identita numru 637731M u li kienet toqgħod 19 Vjal l-Oleander, Neighbourhood 2, Santa Luċija, mietet f'Tal Pieta` fl-14 ta' Lulju 1999.
(2) Mary Said ħalliet bħala werrieta tagħha lill-erba' wliedha Michael Said, Raymond Said (illum mejjet), Margaret Galea, u l-attriċi Elizabeth Said.
(3) Qabel mewtha Mary Said kellha diversi assi kemm immobiljari kif wkoll mobiljari, parti minnhom miżmuma għand il-konvenuti.
(4) Il-konvenuti jew minn minnhom qassmu l-assi miżmuma minnhom, jew parti minnhom, bejn l-imsemmija l-erba' werrieta, pero l-attriċi għandha indikazzjonijiet li hija ma ħaditx sehemha kollu mill-wirt t'ommha.
(5) L-attriċi għandha indikazzjonijiet li l-ammont ta' flus dovut lilha wara l-bejgħ tal-proprjeta immobbli li ntirtet mal-mewt ta' l-imsemmija Mary Said qegħdin fil-pussess tal-konvenuti jew minn minnhom.
(6) L-attriċi ġiet assenjata avukat tal-elenku sabiex jindagalha dwar x'kien imissha bħala sehemha b'wirt, u kien biss il-konvenut HSBC Bank Malta plc li aċċetta li jgħaddi dokumenti relattivi lill-avukat lilha assenjat.
Għalhekk l-attriċi mhix f'pożizzjoni li tasal għal ammont preċiż li hija għandha dritt tirċievi mingħand il-konvenuti bħala sehemha mill-wirt t'ommha.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

(1) Tillikwida l-valur ta' l-assi kollha dovuti lill-attriċi b'sehemha mill-wirt t'ommha Mary Said, jekk ikun il-kaz bl-opera ta' periti nominandi, minn għand kull wieħed mill-konvenuti.
(2) Tillikwida dak l-ammont ta' flus li oriġinaw mill-bejgħ ta' l-assi li intirtu mal-mewt ta' l-imsemmija Mary Said u ġew depositati mal-konvenut jew minn minnhom.

(3) Tiddetermina x'valur jew flus mill-ammonti likwidati skond l-ewwel u t-tieni talba għadhom ma tqiegħdux għad-disposizzjoni tal-attriċi mill-konvenuti jew minn minnhom.
(4) Tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex iħallsu lill-attriċi kull wieħed għalih dak l-ammont likwidat u dikjarat dovut lill-attriċi wara li tiddetermina l-ewwel tlett talbiet.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittri interpellatorji tat-8 t'Awissu 2005, bl-imgħaxijiet legali mill-14 ta' Lulju 1999 sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ta' **Valletta Fund Management Limited** ipprezentata fis-17 t'Ottubru 2015 (fol 15), li permezz tagħha eċċepiet illi m'għandha ebda assi appartenenti lil Elizabeth Said u/jew Mary Said fil-pusess tagħha jew li jistgħu b'xi mod ikunu dovuti lill-attriċi kif premess fiċ-ċitazzjoni;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tas-soċjetajiet **Bank of Valletta plc u Valletta Fund Management Ltd** (fol 35) datata 19 t'Ottubru 2005, fejn eċċepiet illi:

(1) Preliminarjament, il-ġudizzju m'huwiex integru, stante illi fil-kawza kellhom jiġu inġunti u qabel kollox bħala konvenuti it-tlett aħwa ta' l-attriċi Michael Said, Raymond Said, u Margaret Galea.
(2) Subordinatament, u mingħajr ebda preġudizzju l-eċċipjenti ma fadalhom l-ebda attiv provenjenti mill-eredita' ta' l-imsemmija Mary Said u/jew xi flus jew effetti oħra f'isem l-imsemmija Mary Said.
(3) Subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-likwidazzjoni tal-flejjes u effetti miżmuma

mill-eċċipjenti fid-data tal-mewt ta' Mary Said kienet diġa saret fuq talba tal-attriċi u l-istess ħutha kif aħjar jirriżulta mid-dokument BOV1.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tac-**Chairman tal-Borza ta' Malta** (fol 45) datata 25 t'Ottubru 2005 fejn eċepixxa illi:-

(1) Mhuwiex il-leġittimu kuntradittur għat-talbiet attriċi peress illi fl-ewwel lok, la l-Borza ta' Malta, u wisq anqass l-eċċipjent innifsu fil-funzjoni tiegħu bħala Chairman ta' l-istess Borza ta' Malta, ma jzomm jew jiddetjeni xi assi appartenenti lill-investituri in ġenerali tat-titoli kkwotati fil-Borza ta' Malta, u għalhekk l-anqas tal-mejta Mary Said omm l-attriċi u anki għaliex fi-tieni lok huwa ma jistax jillikwida, jassenja u/jew iħallas xi sehem apartenenti lill-werrieta minn xi titoli kkwotati bħala assi tal-wirt tal-mejta jekk mhux fuq intervent u talba u l-issuer ta' l-istess titoli;

(2) Bla preġudizzju għas-suespost, filwaqt li ma żżomm ebda assi, kif sejjer jirriżulta aħjar fit-trattazzjoni tal-kawza, il-Borza ta' Malta jkollha informazzjoni dwar iż-żamma mill-investituri ta' titoli negozjati fl-istess Borża, u fil-fatt odjern hija ġja forniet informazzjoni rigward l-assi tal-mejta Mary Said omm l-attriċi u kienet dejjem lesta li tagħti kwalsiasi kjarifika li setgħet kienet meħtieġa fuq daqshekk;

(3) Bla preġudizzju u konsegwentement għas-suespost la eċċipjent u l-anqas il-Borża ta' Malta ma huma fil-posizzjoni li jiddeterminaw l-oriġinali tal-fondi li jiġu nvestiti f'titoli kkwotati ġaladarba tali investiment isir *tramite stockbrokers* u/jew intermedjarji finanzjarji liċenzjati;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta **HSBC Bank Malta plc** (fol 48) ippreżentata fil-25 t'Ottubru 2005, fejn eċċepiet illi:-

(1) Din il-kawza hija frivola u vessatorja, partikolarment minħabba l-fatt illi – *ex admissis* mill-attriċi fil-premessi tagħha stess – is-soċjeta`

eċċipjenti għadditielha kull informazzjoni mitluba mill-istess attriċi qabel ma ġiet intavolata l-kawza odjerna; u liema informazzjoni kienet turi bl-aktar mod ċar u ovvju illi kwalunkwe somma ta' flus miżmuma mill-eċċipjenti f'isem id-*decujus* Mary Said kienet tqassmet lill-eredi tagħha *ai termini* tat-testment magħmul mill-imsemmija Mary Said.

(2) L-assi kollha appartenenti lid-*decujus* Mary Said miżmuma mill-eċċipjenti kienu jammontaw għal elf, ħames mija u tlieta u tletin lira maltija u ħamsa u sittin ċentezmi (Lm1,533.65).

(3) Id-*decujus* Mary Said fid-data tal-mewt tagħha u ċioe` l-14 ta' Lulju 1999, kellha s-segwernti kontijiet ma-Bank eċċipjent li huma i-kont bin-numru 331006262 b'bilanċ ta' tlieta u għoxrin liri maltin u sittin ċentezmu (Lm23.60), u l-kont bin-numru 304200065 b'bilanċ ta' Lm1510.05 u dan jirrizulta mill-prospetti esebiti bħala Dok A u Dok B rispettivament u għaldaqstant l-assi likwidi tagħha li fit-total tagħhom flimkien jammontaw għal elf, ħames mija u tlieta u tletin u tletin liri maltin u ħamsa u sittin ċentezmu.

(4) L-assi sufferiti ġew likwidati mill-Bank skond it-testment tad-*decujus* u fuq struzzjonijiet ta' l-eredi fis-sens illki l-ammont ta' tmien mitt lira maltin, ġew allokati biex jitħallsu l-ispejjez funebri tad-decujus Mary Said, mija u sitta u sebgħin lira maltin u wieħed u disgħin ċentezmu, kull wieħed marru għand l-eredi Raymond Said (illum mejjet) Michael Said u Margaret Rose Galea u s-somma ta' Lm177.91 lill-attriċi u kkreditati lil kont tagħha numru 061003460, u dan kif jirrizulta mill-entrata tad-data ta' l-10 ta' Diċembru immakata fuq il-prospett ta' dan i-kont ezistenti bħala dok C. Il-bilanċ ta' ħamsa u għoxrin lira maltin u ċentezmu wieħed jirraprezenta charges tal-bank li normalment jiġu debitati mill-kont tad-decujus mit-tqassim ta' l-assi tiegħu jew tagħha jew l-eredi u/jew il-legatarji.

(5) In kwantu għar-raba talba ta’ l-attriċi jiġi rilevat illi s-soċjeta’ konvenuta m’għandhiex flejjes jew assi oħra tad-decujus Mary aid (ħlief dawk fuq imsemmija, li diġa ngħataw lill-werrieta fosthom l-attriċi), u kwindi ma tistax tkun ikkundannata illi tħallas jew trodd xi somma lill-attriċi li m’għandhiex;
(6) Isegwi għalhekk illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez kontra l-attriċi stante illi is-soċjeta` eċċipjenti ma naqset bl-ebda mod fil-konfront tal-attriċi, u dana kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta’ Dr Claudio Zammit (88982M) bħala **kuratur tal-wirt battal ta’ Raymond Said** li permezz tagħha eċċepixxa li:
(1) Qabel xejn għandu jingħad illi l-esponenti fil-kwalita` tiegħu appena msemmija jikkonferma li ġie maħtur kuratur tal-wirt battal ta’ Raymond Said permezz ta’ digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta’ Gurisdizzjoni Volontarja) tal-11 ta’ Diċembru 2007. Fl-itess waqt pero, jirrileva illi l-attriċi ma ġietx awtorizzata ssejjaħ proprju lilu fil-kawza, stante li kif jirrizulta mill-verbal tad-29 ta’ Jannar 2015, u skond ma kienet talbet l-istess attriċi, din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba ta’ l-attriċi għall-ħatra ta’ kuraturi deputati biex jidhru għall-wirt battal ta’ Raymond Said, u kif ukoll ordnat notifika ta’ kuraturi deputati ‘**li għandhom jinħatru minn fost l-avukati u l-prokuraturi legali li lilhom imiss it-turn, wara l-ħruġ tal-Bandi’.** L-esponent mhuwiex wieħed minn dawk l-avukati li lilu seta’ jmiss it-turn, u għalhekk għandu jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju.
(2) Mingħajr preġudizzju għa-suespost, l-azzjoni attriċi hija neboluża għall-aħħar stante li ma jistax jinftiehem jekk hux qed titlob ammonti li għadhom mizmuma mis-soċjetajiet konvenuti l-oħra, jew jekk hux qed titlob ammonti allegatament imħallsa mhux kif imiss, li seta għandhom fil-

pussess tagħhom l-imsejjħin fil-kawza. Dan għaliex kif jidher ċar miċ-ċitazzjoni promotriċi, l-attriċi qed tippremetti li ammont ta' flus dovuti lilha qegħdin fil-pussess tas-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom, mingħajr qatt ma semmiet lill-imsejjħin fil-kawza, filwaqt li fir-rikors tagħha tat-22 t'Ottubru 2014 qed tallega li l-flus "tqassmu ħazin fis-sens li uħud mill-eredi ingħataw sehem akbar a skapitu tas-sehem dovut lill-esponenti', pretensjoni din li safejn jirrigwarda lill-esponent sar jaf biha għall-ewwel darba proprju wara li ġie notifikat bil-kawza odjerna.

(3) Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent fil-kwalita' tiegħu premessa mhuwiex edott mill-fatti konċernati l-qsim ta' l-eredita tad-defunta Mary Said, iżda l-attriċi għandha f'kull kaz iġġib il-prova ta' liema kienu dawk il-flus li allegatament ittieħdu mhux kif imiss, minn min ittieħdu jew inżammu, u kemm ittieħed.

(4) F'kull każ l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 1027 tal-kap 16 tal-liġijiet ta' Malta;

Rat li b'digriet tad-29 ta' Jannar 2015 **ġew imsejjħa fil-kawża Michael Said, Margaret Galea, u kuraturi deputati biex jidhru għall-wirt battal ta' Raymond Said;**

Rat illi b'deċiżjoni tal-1 ta' Diċembru 2015, mogħti minn din il-Qorti diversament ippreseduta, **l-imsejjħa fil-kawża Michael Said u Margaret Galea ġew iddikjarati fi stat kontumaċjali** (fol 367);

Rat li fis-16 ta' Marzu 2015 l-avukat **Dr. Claudio Zammit assuma l-atti bħala kuratur tal-wirt battal ta' Raymond Said** (fol 360);

Semgħet ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati tal-partijiet;

Rat li fis-seduta tas-6 ta' Ġunju 2019 il-kawża ġiet differita għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat:

Illi Mary Said, omm l-attriċi u l-imsejjħin fil-kawża, mietet fil-1999 u wirtuha f'ishma ndaqs l-erbat uliedha Elizabeth Said (attriċi), Raymond Said (miet wara ommu), Michael Said u Margaret Galea (ilkoll imsejjħa fil-kawża). L-attriċi tallega li l-istituzzjonijiet finanzjarji konvenuti, jew min minnhom, qasmu l-assi miżmuma minnhom, jew parti minnhom, bejn il-werrieta iżda "għandha indikazzjonijiet" li ma ħaditx sehemha kollu mill-istess wirt – jew għaliex żammewhom huma inkella għaliex ma ġewx imqassma kif suppost bejn l-aħwa - li meta talbet lill-istituzzjonijiet konvenuti jinfurmawha x'kellhom, kien biss l-HSBC Bank Malta plc li weġibha. L-assi kienu jikkonsistu parti fi flus likwidi jew ishma u parti fi proprjeta` li nbiegħet u nqasam ir-rikavat tagħha. L-attriċi ssostni li parti mill-assi sparixxew kif jirriżulta minn rapport ta' Anthony Attard, *accountant* li kienet qabbdet hi *ex parte.* L-attriċi tissottometti li sta għall-konvenuti, *qua* istituzzjonijiet finanzjarji vestiti bil-fiduċja tad-depożitanti, li jagħtuha sodisfazzjon ta' fejn spiċċaw l-assi, speċjalment tenut kont li m'għandhiex u ma jistax ikollha aċċess għall-informazzjoni rilevanti dwar assi li jistgħu jinstabu fl-istess istituzzjonijiet; u li huma responsabbli *in solidum* għal dan ir-rendikont u ħlas;

Illi l-konvenuti kollha jirribattu li skont il-liġi, huma m'humiex responsabbli *in solidum*; kull wieħed hu responsabbli għall-parti tal-assi li jista' għandu jew seta' kellu ddepożitati għandu;

Illi kwantu għall-konvenut **Bank of Valletta p.l.c.,** l-attriċi qablet (seduta 02.02.2017) li dan kellu f'idejh Lm7437. Sussegwentement l-istess Bank spjega kemm permezz tal-affidavit ta' Joanna Bartolo (05.07.2018) kif ukoll permezz ta' nota (ippreżentata 08.05.2018) eżattament fejn spiċċat din is-somma;

Illi Avalon Vella, rappreżentant tal-konvenuta **Bank of Valletta Asset Management Limited** xehdet bil-mezz tal-affidavit (fol 504) li din l-istituzzjoni lanqas biss hija awtorizzata żżomm assi. Hija tat rendikont iddettaljat dwar x'sar mill-investiment t'omm l-attriċi u li kienet l-istess attriċi li ffirmat u żbankat l-istess investiment. Għalhekk m'hemm l-ebda raġuni l-għala l-verżjoni tagħha m'għandhiex titwemmen; anke tenut kont li x-xhud ma ġietx ikkontro-eżaminata;

Illi l-konvenut **HSBC Bank Malta p.l.c**. kif tammetti l-attriċi stess kien ipprovdielha qabel ma fetħet il-kawża *statements* iddettaljati li hija qatt ma kkontestat. Sehem l-attriċi mar biex joqtol dejn li kellha mal-istess Bank.

Illi l-konvenut **Chairman tal-Borża ta' Malta** ukoll kien wieġeb lill-attriċi, iltaqa' magħha, u kkorrisponda mal-avukat tagħha qabel fetħet il-kawża. Huwa spjega li l-Borża ma żżommx assi, imma kull ma tagħmel hu li tirreġistra bejgħ u akkwisti. Jirriżulta mill-provi li ressaq li l-omm kienet biegħet l-assi kollha tul ħajjitha;

Illi l-kuratur tal-wirt battal ta' Raymond Said eċċepixxa l-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-Art. 1027 tal-Kodiċi Ċivili. Din id-disposizzjoni titratta l-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun ingħata mingħajr ma kien imiss (*indebiti solution*). L-attriċi mhix qed titlob lura xi ħaġa li tat bi żball imma xi ħaġa li tallega li ma ngħatatx għalkemm għandha jedd għaliha. Din il-preskrizzjoni għalhekk mhix applikabbli;

Illi l-konvenuti għandhom raġun jeċepixxu li mhumiex responsabbli *in solidum*;

Illi l-attriċi ma ressqet l-ebda prova li ħutha, imsejjħin fil-kawża, żammew xi flus t'ommha lil hinn minn sehemhom;

Illi l-attriċi kjarament ma ġabet l-ebda prova in sostenn tat-talbiet tagħha. Il-kawża tagħha hija waħda frivola u altament vessatorja;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-kuratur tal-wirt battal ta' Raymond Said.
(2) tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-konvenuti
(3) tiċħad it-talbiet tal-attriċi.

Spejjeż a kariku tagħha ħlief għar-raba' eċċezzjoni tal-wirt battal ta' Raymond Said; li għandu jbatiha l-istess wirt battal.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA